TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Joseph Salerno

vs

Longitude (Malta) Limited

CCT 24/17MS

19 ta' Frar 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent tal-31 ta' Jannar 2017 fejn talab lil dan it-Tribunal tikundanna lis-socjeta' intimata thallsu s-somma ta' €3,500, prezz ta' disa pannelli fotovoltajici illi ma pprovdewx l-energija kif imwieghed mis-socjeta' intimata.

Ra illi s-socjeta' intimata giet notifikata permezz tal-procedura tal-affissjoni u publikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll f'gazzetta lokali.

Ra illi minkejja dan, is-socjeta' intimata baqghet ma wegbitx ghat-talba u lanqas ma deheret meta l-kawza kienet appuntata ghas-smigh tax-xhieda.

Ra l-verbal tat-8 ta' Jannar 2018 fejn it-Tribunal issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jinghata spjegazzjoni dwar ezitu ta' sentenza` (CCT 136/13F) fl-ismijiet Joseph Salerno vs Di Natura.

Ra n-nota tar-rikorrenti prezentata fis-26 ta' Jannar 2018 fejn ta l-ispjegazzjonijiet opportuni.

Sema lir-rikorrent bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti xehed li f'April 2011 kien mar ghand l-azjenda 'Di Natura' rapprezentata minn Godfrey Formosa fejn dan tal-ahhar kien hajjar lir-rikorrent sabiex jinstalla disa'

pannelli fotovoltajici li kellhom jirrendu 403 units fis-sena. Dawn il-pannelli gew imhallsa u installati izda wara kalkolu ta' sena ir-rikorrent sab illi l-pannelli pproducew biss 11406 units li huwa nofs dak illi gie mwieghed li jipproducu dawn il-pannelli. Wara ilment tar-rikorrent, is-sur Formosa ghall-ewwel gablu skuza illi kien hemm cumnija ta' restaurant illi kienet taghmel id-dellijiet fuq il-pannelli. Izda wara li din ic-cumnija tnehhiet il-kalkolu baqa' l-istess u l-pannelli baqghu jitlifu l-units. Ir-rikorrent jallega illi hemm xi haga hazina fil-pannelli jew l-installazzjoni taghhom u ta' dan kellu jkun responsabbli s-socjeta' gestita minn Godfrey Formosa.

Ghal dak li jirrigwarda s-socjeta' intimata u cjoe' Longitude (Malta) Ltd, jidher illi dina hija l-aventi causa tas-socjeta' Di Natura kif gie spjegat fin-nota fuq imsemmija ipprezentata fis-26 ta' Jannar 2018. Ir-rikorrent, originarjament, ipproceda kontra s-socjeta' Di Natura International gia Di Natura Ltd, izda minn din ma ha l-ebda riklam u ghalhekk kien kostrett jintavola din l-azzjoni peress illi illum s-socjeta' qieghda topera taht l-isem indikat Longitude (Malta) Ltd. Minkejja n-notifiki, anke permezz ta' pubblikazzjoni u affissjoni, s-socjeta' intimata baqghet ma wegbitx ghat-talba tar-rikorrent u ghalhekk ghandha titqies bhala kontumaci.

Ikkunsidra

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu it-Tribunal kien ikun hafna iktar komdu li kieku kellu l-versjoni tas-socjeta' inimata pero' jidher illi hemm element ta' traskuragni kbir min-naha ta' din is-socjeta' li ma twegibx ghat-talbiet li jsiru kontra taghha. Dina grat kemm f'dan il-kaz kif ukoll fil-kaz precedenti kontra Di Natura Ltd. It-Tribunal isibha difficli jemmen illi s-socjeta' intimata ma kenitx taf illi kien hemm dawn il-proceduri kontrija, specjalment in vista tal-fatt illi kienet diga hadet konjizzjoni tal-ilment.

Illi huwa ben saput illi meta produttur jikkwota numru ta' units illi jipproducu l-pannelli dana jkun average ta' matul sena shiha peress illi l-produzzjoni matul is-sena tvarja skond l-istagun, it-temp u d-dawl u hemm tolerance ta' plus jew minus 10 percent tal-ammont ikkwotat. F'dan il-kaz, ir-rikorrent qieghed jallega illi l-produzzjoni tal-pannelli waqghu hamsin fil-mija li jindika xi haga hazina, jew fil-pannelli nnifishom jew fl-inverter. Peress illi t-Tribunal m'ghandux kontestazzjoni tal-allegazzjoni tar-rikorrent ghandu joqghod fuq il-versjoni tar-rikorrent, li tidher veritjera - li sabiex il-produzzjoni taqa' daqshekk bilfors illi hemm xi haga hazina fis-sistema. Peress illi din giet installata u garantita mis-socjeta' intimata, kwindi din ghandha tkun responsabbli ta' dan. U fin-nuqqas ta' riparazzjoni, t-talba tar-rikorrent ghandha tkun milqugha. Is-socjeta' intimata ma kkoperatx mar-rikorrent u l-anqas mat-Tribunal sabiex tipprova turi xi buona fede u tghin sabiex tissolva l-problema. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandux triq ohra hlief li jilqa' t-talba tar-rikorrent kif dedotta.

Illi wara li t-Tribunal ezaminat it-talba tar-rikorrenti, issib illi dan ibbazaha fuq zewg binarji - wahda sabiex is-socjeta' intimata tiehu l-mizuri kollha sabiex tirrimedja l-problema u t-tieni, li fin-nuqqas, it-Tribunal tillikwida kumpens xieraq. Tajjeb jew hazin, ir-rikorrent diga jinsab kanonizzat kreditur kontra Di Natura Ltd liema sentenza ghal xi raguni ma setghetx tigi ezegwita u ghalhekk ghazel illi jipprocedi kontra l-aventi causa tas-socjeta' imsemmija u cjoe' s-socjeta' intimata Longitude (Malta) Ltd.

Ghal dawn ir-ragunijiet, jaqta u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent kif dedotta u tipprefiggi terminu ta' gimghatejn sabiex is-socjeta' intimata tirrimedja l-problema msemmija. Fin-nuqqas jikundanna lis-socjeta' intimata li thallas lir-rikorrent l-ammont ta' tlett telef u hames mija bhala kumpens ghan-nuqqasijiet tal-istess socjeta' intimata.

**Avv. Michela Spiteri**
**Arbitru**